## Spejjeż Mediċi u ta' l-Isptar

Ħaddiema li qed jirċievu pakkett ta' kondizzjonijiet minimi (award) ta' benefiċċji tal-kumpens li jitħallsu kull ġimgħa, għandhom mnejn ikunu ntitolati wkoll li jitħallsulhom mill-Bord tal-Mard tat-Trab l-ispejjeż kollha raġjonevoli mediċi, ta' l-isptar, ta' l-ambulanza u spejjeż oħra relattati għall-kura tal-marda tagħhom tat-trab, liema kura ngħatat minn tabib li hu rreġistrat li jippratika l-mediċina fl-Awstralja.

Il-Bord tal-Mard tat-Trab ma jistax iroddlok lura l-flus għal kwalunkwe kura medika jew mediċini li int rċevejt waqt li tkun qed iżżur jew tgħix f'pajjiż ieħor.

### 1. Spejjeż Mediċi li l-Bord tal-Mard tat-Trab ser iħallashom:

L-ispejjeż mediċi huma deskritti fl-Att tas-sena 1987 tal-Kumpens tal-Ħaddiema u jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

- Servizzi ta' l-ambulanza biex iwasslu ħaddiem għand tabib jew l-isptar
- Kura tal-marda tiegħek tat-trab fl-isptar, fid-dar tan-nersink, kura palljattiva (li tnaqqas l-uġigħ) jew ċentru ta' rijabilitazzjoni (jew pubbliku jew privat u li għandu l-akkreditazzjoni tal-Gvern)
- Kuri terapewtiċi skond l-istruzzjonijet tat-tabib tiegħek bħal ngħidu aħna:
    - eżerċizzju
    - massaġġ
    - rimedji li jinvolvi ħxejjex differenti
    - aromaterapija
- Siġġijiet tar-roti jew apparat ieħor li jgħinek tmur minn post għal ieħor bħal ngħidu aħna frejmijiet li jgħinuk timxi u skuters (scooters) immotorizzati
- Apparat terapewtiku bħal ngħidu aħna siġġijiet li jistgħu jinġibdu lura, sodod, kuxxieni li jtaffu l-pressjoni (pressure relief cushions), awrinar magħluq f'siġġu jew kaxxa bl-għatu u siġġijiet tad-doċċa
- Kura fid-dar tinkludi kura minn-ners, tindif u għajnuna biex tlaħħaq mal-lawn u l-ġnien
- Kura tar-respite (barra mid-dar) jew dħul f'ċentru ta' rijabilitazzjoni f'faċilità nnominata li toffri kura tas-saħħa (jew pubblika jew privata u li għandha l-akkreditazzjoni tal-Gvern)
- Mediċini, ossiġenu fid-dar u nebuliżerijiet (nebulisers) hekk kif inhuma preskritti mit-tabib kuranti tiegħek għal kura tal-mard tat-trab
- Spejjeż raġjonevoli ta' l-ivvvjaġġar bir-ritorn għall-kura tal-mard tiegħek tat-trab

**Hu importanti li int tikkuntattja lin-Ners Maniġer bejn id-9am u l-5pm fuq (02) 8223 6600 jew 1800 550 027 qabel ma tonfoq flus fuq xi spejjeż.** Il-Bord tal-Mard tat-Trab irid ikun żgur li l-ispejjeż mediċi li weħilt għandhom x'jaqsmu mal-marda tiegħek tat-trab (u mhux ma' xi marda oħra) qabel ma jkun jista' jħallas dawn l-ispejjeż.

**F'każ ta' emerġenza** meta persuna tkun marida serjament u jkollha bżonn ambulanza u tiddaħħal fl-isptar, mhemmx bżonn li l-ewwel tikkuntattja l-Maniġer Ners qabel ma tagħmel l-arranġamenti għall-kura. **Jekk l-emerġenza sseħħ bejn il-5pm-9am int għandek iċċempel 000 biex issejjaħ ambulanza.**

**NB: Jekk jogħġbok ftakar li l-Bord tal-Mard tat-Trab mhux ser iħallas kwalunkwe spejjeż ta' dħul fl-isptar, mediċini, eċċ għal mard li m'għandux x'jaqsam direttament mal-marda tiegħek tat-trab.**

## 2. Spejjeż l-Bord tal-Mard tat-Trab MHUX SER iħallas għalihom:

Il-Bord tal-Mard tat-Trab ma jistax jgħinek fil-ħlas ta' dawn l-affarijiet li ġejjin:

- Il-Ħlas tal-Bond ta' l-Akkomodazzjoni tal-Gvern Federali biex tidħol f'dar tan-nersink
- Kontijiet tad-dawl*, gas u telefon
- Rennovazzjonijiet u żbigħ ta' darek
- Il-qtil jew il-kura ta' l-annimali domestiċi tiegħek
- Kontrol ta' insetti jew annimali li jagħmlu l-ħsara (pests)
- Ħwejjeġ
- Kura dentali+
- Dentaturi
- Operazzjonijiet tal-kataretti, nuċċalijiet u għajnuniet oħra biex tkun tista' tara aħjar
- Strumenti tas-Smigħ

* Xi kumpaniji tad-dawl jipprovdu ribejts tal-pensjonant u tas-sapport biex tkun tista' tgħix (life support) lil djar li għandhom apparat mediku fuq il-post li juża l-elettriku. Jekk jogħġbok ikkuntattja lil kumpanija tiegħek ta' l-elettriku biex tistaqsihom jekk intix eliġibbli għal kwalunkwe ribejtijiet.

+ In-Ners Maniġer, kultant, għandha mnejn tapprova kura dentali jekk il-Professur tiegħek jikteb lill-Bord tal-Mard tat-Trab u jgħid li hemm bżonn xi xogħol dentali qabel ma ssir l-operazzjoni li hemm bżonn għall-kura tal-marda tiegħek tat-trab.

## 3. Fil-każ ta' l-Ispejjeż Mediċi, x'limiti japplikaw?

L-Att tas-sena 1987 tal-Kumpens tal-Ħaddiema tgħid li l-ammonti massimi li l-Bord tal-Mard tat-Trab jista' jonfoq fuq spejjeż mediċi u ta' l-isptar għal kull ħaddiem huma:

- $50,000 limitu għall-ispejjeż mediċi
- $50,000 limitu għall-ispejjeż ta' l-isptar
- $10,000 limitu għall-ispejjeż ta' l-ambulanza
- $1, 200 limitu għall-ispejjeż tar-rijabilitazzjoni li għandha x'taqsam max-xogħol

Il-Bord tal-Mard tat-Trab għandu mnejn, f'każi eċċezzjonali, japprova il-ħlas ta' l-ispejjeż mediċi, ta' l-isptar jew ta' l-ambulanza li huma ogħla mill-limiti llistjati hawn fuq jekk il-kura addizzjonali li hemm bżonn hi meħtieġa kaġun tal-marda tiegħek tat-trab li qed tirċievi kura għaliha.

## 4. Min hu inkarigat mill-Apparat Mediku u l-Ħlas ta' l-Ispejjeż Mediċi?

**In-Ners Maniġer** tal-Bord tal-Mard tat-Trab ser tagħmel arranġamenti għall-kiri ta' l-apparat u t-tipi differenti ta' kura. Biex tgħin lin-Ners Maniġer tipproċessa t-talba tiegħek int trid tagħti rakkomandazzjoni bil-miktub mill-professjonist tiegħek tal-kura tas-saħħa li tgħid x'kura jew apparat jkollok bżonn u għala huma mitluba biex jikkuraw il-marda tiegħek tat-trab.

In-Ners Maniġer hi responsabbli mill-verifikazzjoni li kwalunkwe kura u apparat li int titlob huma meħtieġa minħabba l-marda tiegħek tat-trab. Għal din ir-raġuni, għandu mnejn

ikun hemm bżonn xi kultant lin–Ners Maniġer tikkuntattja lit-tabib jew professjonisti oħrajn tiegħek tal-kura tas-saħħa biex tikseb tagħrif ieħor biex issaħħaħ l-klejm tiegħek għall-ispejjeż mediċi.

**5. Min jirċievi l-ħlas ta' l-ispejjeż mediċi u ta' l-isptar?**

Il-Bord tat-Mard tat-Trab ser iħallas direttament lill-kumpanija, sptar jew Tabib li jagħti l-kura jew l-apparat. In-Ners Maniġer ser tibgħat ittra lill-kumpanija, sptar jew Tabib li tgħid x'kura u apparat ser iħallas għalihom il-Bord tal-Mard tat-Trab u jitlob li l-fatturi jintbagħtu direttament lill-Fergħa ta' l-Akkownts tal-Bord tal-Mard tat-Trab.

Jekk int digà ħallast għall-kura jew apparat tiegħek int għandek mnejn tibgħat il-fattura tiegħek lin-Ners Maniġer u titlobha tħallsek lura. Biex tgħin lin-Ners Maniġer tipproċessa l-klejm tiegħek malajr kemm jista' jkun jekk jogħġbok ehmeż mal-fattura r-rakkomandazzjoni mill-professjonist tiegħek tal-kura tas-saħħa li tikkonfirma li ll-ispejjeż saru kaġun tal-marda tiegħek tat-trab.

**6. Min mhux intitolat għall-Ispejjeż Mediċi?**

Kwalunkwe persuna li ġiet iċċertifikata mill-Awtorità Medika li kienet esposta għat-trab imma li ma sofritx l-ebda diżabilità minħabba l-mard tat-trab (pe o% diżabilità), mhix intitolata għall-ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-isptar jew mediċi.

**7. Nista' nirċievi għajnuna biex nivvjaġġa ħalli nattendi Appuntamenti Mediċi?**

Jekk il-Bord tal-Mard tat-Trab jiktiblek u jordnalek tattendi xi eżami mediku int għandek mnejn tkun intitolat għal dawn l-ispejjeż li ġejjin:

- L-ispejjeż raġjonevoli ta' kwalunkwe-nollijiet jew vjaġġi li ħallast waqt li int tkun qed tivvjaġġa biex tattendi l-eżami mediku tiegħek
- Jekk għadek taħdem, l-ammont ta' kwalunkwe paga li int ma tħallastx minn min iħaddmek minħabba l-fatt li ma mortx ix-xogħol biex tattendi għall-eżami mediku tiegħek

Int trid timla formol ta' l-"Applikazzjoni għall-Ispejjeż tal-Vjaġġ" li tista' tinkiseb billi tikkuntattja **s-Sezzjoni tas-Servizzi Mediċi** fuq (02) 8223 6600 jew 1800 550 027.

**8. Is-sieħeb/sieħba tiegħi tista' tirċievi għajnuna biex tivvjaġġa miegħi biex tattendi Appuntament Mediku?**

Le

Imma l-Bord tal-Mard tat-Trab jifhem li xi kultant int għandek mnejn tant tkun marid li ma tkunx tista' tattendi waħdek appuntamenti mediċi jew kura fl-isptar u ser ikollok bżonn l-għajnuna tas-sieħeb/sieħba jew membru tal-familja jew ħabib tiegħek biex jiġi miegħek meta tmur għall-appuntament. F'dawn il-każi jekk jogħġbok ikkuntattja lin-**Ners Maniġer** li ser tara jekk intix eliġibbli li titħallas lura l-ispejjeż tan-nollijiet u vjaġġi, akkomodazzjoni raġjonevoli u ta' l-ikel li teħel il-persuna li takkumpanjak. Int trid tippreżenta ittra mingħand it-tabib kuranti tiegħek li jrid jgħid x'inhuma r-raġunijet mediċi għala int ma tistax tivvjaġġa waħdek.

**9. Nista' nirċievi għajnuna mill-Bord tal-Mard tat-Trab biex nagħmel Tibdil fid-Dar jekk inbati mill-Mard tat-Trab?**

Il-Bord tal-Mard tat-Trab ser jgħin biss fil-provvediment ta' tibdil żgħir fid-dar biex jgħinek timmaniġġja u tikkura l-mard tiegħek tat-trab bħal ngħidu aħna:

- poġġamani biex ikollok aċċess eħfef għall-faċilitajiet tal-banju u tad-doċċa
- rampi ta' l-aċċess għal darek jekk tuża siġġu tar-roti jew skuter (scooter)

In-Ners Maniġer ser tara li jsiru kwalunkew modifikazzjonijiet żgħar fid-dar hekk kif tirċievi rakkomandazzjoni mit-terapista okkupazzjonali li tgħid għala t-tibdil huma meħtieġa.